

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 268/2012

tal-25 ta' Jannar 2012

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 jipprevedi li, ftal-anqas kwart tal-Istati Membri, in-numru minimu ta' firmatarji ta' inizjattiva taċ-ċittadini għandu jkun jikkorrispondi għan-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru, multiplikat b'750. Dawk in-numri minimi huma stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament.

(2) Il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew ġiet modifikata permezz tal-Protokoll li jemenda l-Protokol dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika⁽²⁾, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2011.

(3) L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 għandu jiġi emendat skont dan.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 huwa sostitwit bl-Anness ta' ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Jannar 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 263, 29.9.2010, p. 1.

ANNESS

NUMRU MINIMU TA' FIRMATARJI GĦAL KULL STAT MEMBRU

Il-Belġju	16 500
Il-Bulgarija	13 500
Ir-Repubblika Ċeka	16 500
Id-Danimarka	9 750
Il-Ġermanja	74 250
L-Estonja	4 500
L-Irlanda	9 000
Il-Greċċa	16 500
Spanja	40 500
Franza	55 500
L-Italja	54 750
Ċipru	4 500
Il-Latvja	6 750
Il-Litwanja	9 000
Il-Lussemburgu	4 500
L-Ungeria	16 500
Malta	4 500
Il-Pajjiżi l-Baxxi	19 500
L-Awstrija	14 250
Il-Polonja	38 250
Il-Portugall	16 500
Ir-Rumanija	24 750
Is-Slovenja	6 000
Is-Slovakkja	9 750
Il-Finlandja	9 750
L-Isvezja	15 000
Ir-Renju Unit	54 750